# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1423/2007

## ta' l-4 ta' Diċembru 2007

## li jemenda r-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu, u l-Artikolu korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 ([2]) jipprevedi l-possibbiltà għall-ħruġ ta' liċenzji u ċertifikati elettroniċi ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni.

(2) L-esperjenza turi li sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25 jistgħu jittejbu bil-ħsieb li jiġi ċċarat aktar li l-liċenzji u ċ-ċertifikati jistgħu jinżammu u jiġu ġestiti elettronikament mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru minflok jinħarġu lill-impurtatur jew esportatur, u li fejn id-dejta dwar l-esportazzjoni ġiet introdotta u trażmessa elettronikament lill-awtorità tal-ħruġ, l-entrati fuq il-liċenzja jew ċertifikat elettroniku ta' l-esportazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu jistgħu jsiru wkoll elettronikament.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri stabbiliti b'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni kollha kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Minkejja l-Artikolu 24, Stat Membru jista' jippermetti li l-liċenzja jew ċertifikat ikun:

(a) jiġi ppreżentat lill-korp tal-ħruġ jew l-awtorità responsabbli mill-ħlas tar-rifużjoni;

(b) fil-każ fejn japplika l-Artikolu 19, jinħażen fuq id-*database* tal-korp tal-ħruġ jew l-awtorità responsabbli mill-ħlas tar-rifużjoni."

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istat Membru għandu jiddeċiedi liema awtorità għandha tagħmel il-kitba fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat u tawtorizzahom.

Madankollu, l-attrubuzzjoni u l-validazzjoni u l-approvazzjoni tagħha fuq il-liċenzja jew ċertifikat għandhom ukoll jitqiesu li twettqu meta:

(a) dokument li jagħti b'mod dettaljat il-kwantitajiet esportati nħareġ bil-kompjuter; dan id-dokument għandu jkun mehmuż mal-liċenzja jew ċertifikat u ffajljat miegħu;

(b) il-kwantitajiet esportati ġew introdotti fuq *database* elettronika uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat u jkun hemm rabta bejn din l-informazzjoni u ċ-ċertifikat elettroniku; Stat Membru jista' jagħżel li jarkivja din l-informazzjoni billi jżomm id-dokumenti elettroniċi fuq verżjoni fuq il-karta.

Id-data tal-preżentazzjoni għandha titqies bħala d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 24"

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).
([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*